**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' Gunju, 2018**

**Talba Numru: 224/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 28**

**John Baldacchino (K.I. 952849M u Doris Baldacchino (K.I. 530949M)**

**10, Ward u Zahar, Reggie Miller Street,**

**Gzira**

**Vs**

**Bajada New Energy Limited**

**42B, Marsa Industrial Estate,**

**Marsa**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li permezz tieghu l-atturi talbu lis-socjeta' konvenuta trodd lura lilhom l-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000) rappresentanti l-valur imhallas lilha ghal

numru ta' 'solar panels' mibjughin u konsenjati lill-istess rikorrenti u dan peress li l-'panels' hekk ikkonsenjati rrizultaw li mhumiex tal-kwalita' patwita.

Ra li fid-decizjoni tieghu dan it-Tribunal kif preseduta tal-15 ta' Dicembru, 2016 kien iddikjara li s-socjeta' konvenuta hija kontumacja ghar-ragunijiet moghtija fl-istess decizjoni.

Ra x-xhieda ta' Dr Charles Yousif, lecturer l-Universita' ta' Malta fl-Institute For Sustainable Energy li jillekcerja u jaghmel ricerka fuq solar energy li xehed li l-atturi kienu inkarigawh biex imur jiccekja dak li jissejjah micro cracks cioe' 'snail trails' u meta mar sab veru dawn il- 'snail trails' izda ssugerilu li jistennew sas-Sajf sabiex jaraw jekk dawn li 'snail trails' jizviluppawx xi difetti. Il-bqija s-solar panels sabhom qed jahdmu tajjeb. Meta mistoqsi mit-Tribunal x'irrizultalu x-xhud wiegeb li l-outcome tat-test preliminarju li ghamel kien veru tajjeb u kien issugerixxa lil attur biex jerga jikkuntattjah wara sitt xhur biex jerga jaghmel it-test izda huwa ma kkuntattjahx. Huwa pprezentat r-rizultat tat-test li kien ghamel f'Novembru, 2015 u li skont hu juri li l-pannelli kienu qed jahdmu tajjeb.

Ra x-xhieda tal-attur John Baldacchino, li pprezentaw dokumenti li juru li hallas hamest elef ewro (€5,000) ghal din l-ordni u spjega kif wara l-istallazzjoni tal-pannelli beda jidher fihom certu 'shearing' li kompla jizdied.

Ra l-verbal tat-13 ta' Gunju, 2017 li permezz tieghu dan it-Tribunal hatar lill-Inginier Michael Attard bhala espert biex jirrelata dwar dak li kien qed jallegaw l-atturi (fol 67).

Ra r-rapport tal-istess espert l-Inginier Michael Attard u li a fol 103 huwa kkonkluda li dawn il-'snail trails' may affect the polycrystalline silicon modules performances: compared with reference PV, the maximum power production at standard conditions is reduced by 40%. The energy production measured over 30 days was about 25% lower than expected."

Ra li tali rapport ma giex mahluf mill-istess Michael Attard.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mis-socjeta' konvenuta u z-zewg decizjonijiet pprezentati mill-atturi.

Ikkunsidra

Li f'dawn il-proceduri s-socjeta' konvenuta giet dikjarata kontumaci u kif gie ritenut diversi drabi minn din l-Qorti bhal fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell per Prim Imh Degaetano fit-30 ta' Gunju, 2004 fl-ismijiet: Vivian Charmaine Mizzi v Carmel Mizzi (Appell Civili numru 823/1999/2) *"ghalkemm huwa minnu li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista tigi sollevata u eccepita f'kull stadju tal-proceduri minghajr rizerva – anke fl-istadju tal-appell – jigi rilivat li f'dawn il-proceduri l-konvenut appellant kien gie dikjarat kontumaci u l-eccezzjonijiet tieghu sfilzati. Isegwei li mhux permess ghal konvenut li jressaq ebda eccezzjoni inkluza dik tal-preskrizzjoni ghax jekk dan isir l-istess konvenut jkun qieghed b'dan il-mod jissana l-posizzjoni tieghu ta' kontumaci (Vide Appell Joseph Edmons sive Jesmond Meilaq vs Brian Mizzi et noe appell 27.3.996 u Joseph Aquilina noe vs Lino Debono Appell 7.10.1997). Din l-eccezzjoni ghalhekk mhux ammissibbli u konsegwentement l-aggravju mhux gustifikat.*

Illi dan qed jigi rilevat in vista tad-diversi eccezzjonijiet li s-socjeta' attrici ssollevat fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha u li stante li l-istess socjeta' hija kontumaci, u in vista tal-premessa sentenza citata, dan it-Tribunal ma jistax jilqa' tali eccezzjonijiet u ghalhekk jiddikjara tali eccezzjonijiet mhux ammissibbli.

Illi dwar il-mertu dan it-Tribunal jaghmel referenza ghar-rapport tal-Perit Tekniku l-Inginier Michael Attard a fol 103 li permezz tieghu kkonkluda li l-hsara li wiehed jista josserva fuq il- PV modules li gew installati hija rizultat tad-difett li l-bidu tieghu huwa fil-manufattura tal-pannelli jibqa jikber biz-zmien ghaliex is-'snails' jibqghu jizviluppaw u jersqu aktar lejn xulxin bl-effett li joholqu aktar short circuits bir-rizultata li l-yield tal-installazzjoni tal-PV tonqos aktar.

Ra li l-ammont li l-atturi hallsu ghal dawn il-pannelli huwa ta' hamest elef ewro (€5,000) kif jirrizulta minn fol 45 tal-process.

Ra n-nota ta' referenzi esebiti mill-atturi fosthom dik deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili per GCD fl-24 ta' Novembru, 2000 fl-ismijiet: Marco Sfolcini vs Eurosat Malta Ltd a fol 140 et li permezz taghha l-Qorti ddecidiet *"Din li l-gurisprudenza turi li dak li hu mehtieg biex ix-xerrej ikun jista jirrifjuta l-haga wkoll wara l-kunsinna li din tkun res adhuc integra; ma hiex mehtiega l-formalita' tad-depozitu fil-Qorti ghalkemm dan,*

*naturalment ikun pass ghaqli izda mhux dejjem ikun possibbli jew fattibbli ghax jista jigri bhal fil-kaz tal-lum li biex il-haga titnehha minn fejn tkun tqeghdet ghand ix-xerrej ikunu mehtiega teknika u ghodod li x-xerrej ma jkollux*."

Illi veru xehed ukoll l-espert ex parte prodott mill-atturi li d-difett johrog biz-zmien u kif gie ritenut fil- kawza Appell Inf per Imh Magri deciza 4.10.2002 Emanuel Sammut vs Alfred u Pauline konjugi Bezzina Appell Civili Nru 1323/1999/1 "L-artikolu 563A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li "*Meta persuna tissejjah bhala xhud l-opinjoni taghha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha hi kwalifikata taghti xhieda bhala espert ghandha tintlaqa' bhala xhieda biss jekk fil-fehma tal-Qorti dik il-persuna jkollha l-kwalifiki mehtiega dwar dik il-kwistjoni.* "

Dwar ir-relazzjoni ta' Perit Tekniku imqabbad mill-Qorti jew bhal f'dan il-kaz minn Tribunal, intqal diversi drabi mill-Qrati taghna fosthom **Angelone vs Vella ( Prim Awla 28.3.2003),** "*konkluzjoni teknika m'ghandhiex tigi leggerment skartata u kull konvinzjoni kontrarja ghandha tkun ben informata u baza fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li m'ghandomx ikunu privy mill-konsiderazzjonijiet tal-aspett tekniku tal-materja taht ezami* (**ara wkoll Grima vs Mamo Appell 29.5.1993 u Mallia vs Mizzi Prim Awla 28.5.2013)**

Illi ghalhekk ma hemm xejn xi jzomm lil dan it-Tribunal milli jadotta l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku fit-totalita' taghhom.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-atturi u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tas-socjeta konvenuta li minn issa hija awtorizzata li taqla' l-pannelli li hija installat fil-fond tal-atturi a spejjez tal-istess socjeta'.

**Av Anna Mallia**
**Gudikatur**